**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 681/2018**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**-Vs-**

**COLIN ZAMMIT**

**Illum, 24 ta' Gunju, 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **COLIN ZAMMIT** detentur tal-karta tal-identita' numru 242171(M), li tressaq quddiemha akkuzat talli nhar il-31 ta' Lulju 2018 ghall-habta ta' 3:30 ta' filghodu gewwa r-residenza tieghu sitwata 73 Vjal l-Indipendenza l-Mosta :-

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Annette Zammit f'periklu car ikkagunalha hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta' natura gravi, hekk kif gie ccertifikat minn Marilynn Baldacchino MD numru mediku 3556 ;

2. Ingurja u/jew hedded lil Annette Zammit, b'ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-kodici, anke jekk kien ipprovokat, ingurjaha b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat in-nota tas-16 ta' Gunju 2020 tal-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat sabiex jigi aggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:-

a. fl-artikoli 214, 215, 216 u 222(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. fl-artikoli 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. fl-artikoli 17, 31, 382, 383, 384, 385, 386, 412C, 412D, 532A, 532B U 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi fis-seduta tal-1 ta' Frar 2021 l-imputat, fil-prezenza tal-avukat tieghu ddikjara li m'ghandu l-ebda oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bil-procedura sommarja.

Rat l-atti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali fl-udjenza tat-12 ta' Mejju 2021;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-akkuzi odjerni nibtu minn argument domestiku li sehh bejn l-imputat u martu waqt li kienu fid-dar matrimonjali taghhom gewwa l-Mosta, fejn l-imputat

allegatament ikkagunalha offizi ta' natura gravi meta refa' idejh fuqha[1]. L-imputat gie mixli wkoll illi fl-istess okkazjoni, huwa ingurjaha jew heddidha u kwindi li kkommetta r-reat kontravenzjonali mahsuba fl-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9.

F'dan il-kaz l-allegat vittma[2], Annette Zammit, uriet li ma tixtieqx tixhed kontra zewgha l-imputat u dan permezz tad-dikjarazzjoni li ghamlet waqt is-seduta tal-31 ta' Jannar 2019. Imbaghad, waqt is-seduta tad-19 ta' Gunju 2019, l-istess Annette Zammit regghet iddikjarat li ma tridx tixhed f'dawn il-proceduri, filwaqt illi fis-seduta tal-1 ta' Frar 2021, **l-avukat** ta' Annette Zammit registrat is-segwenti dikjarazzjoni:-

"*Dr. Maxilene Pace ghall-parte civile* [*sic.*] *tiddikjara ghal kull buon fini li llum l-gurnata, il-partijiet ghadhom jghixu taht l-istess saqaf u jgawdu minn relazzjoni tajba u trankwilla u tiddikjara wkoll illi minn zmien l-incident mertu ta' dawn il-proceduri, il-partijiet ma regghux kienu involuti f'ebda dizgwid iehor, tant hu hekk illi Annette Zammit kienet diga` sa minn l-incezzjoni ta' dawnb il-proceduri ddikajrat li mhux se tixhed kontra zewgha…*"

Din id-dikjarazzjoni giet riaffermata mill-istess difensur ta' Annette Zammit fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2021.

Minkejja dan, izda, il-Qorti tosserva illi filwaqt li ma jirrizultax li Annette Zammit qatt giet ammessa formalment bhala l-parti leza fil-proceduri odjerni, l-ebda wahda mid-dikjarazzjonijiet appena imsemmija ma saru fil-prezenza tal-imsemmija allegat vittma, hlief ghad-dikjarazzjoni li Annette Zammit ma tixtieqx tixhed f'dawn il-proceduri kontra zewgha[3]. Barra minn hekk, ma jirrizultax mill-atti illi Annette Zammit dehret quddiem il-Qorti sabiex tafferma d-dikjarazzjonijiet li saru ghan-nom taghha fis-seduti tal-1 ta' Frar 2021 u fit-12 ta' Mejju 2021, wisq anqas qatt talbet li l-proceduri jitwaqqfu a tenur tal-Artiklu 543(e) tal-Kap. 9. Hu minnu illi bl-

[1] Ara xhieda ta' WPS224 Suzanne Mifsud, fol. 16 u fol. 23.
[2] Ghandu jigi osservat illi kuntrarjament ghal dak indikat f'diversi verbali fl-atti, Annette Zammit qatt ma talbet u kwindi qatt ma giet ammessa formalment bhala l-parti leza f'dawn il-proceduri.
[3] Fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2019 u fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2019.

applikazzjoni tat-tieni proviso[4] tal-Artikolu 543(e) tal-Kap. 9, wara li jkunu nbdew proċeduri fil-Qorti bis-saħħa ta' dan l-artikolu għal reat imsemmi f'dan il-paragrafu, vittma allegata ta' reat li jinvolvi vjolenza domestika tista' titlob lill-qorti li twaqqaf il-proċeduri kontra l-awtur allegat. Izda fic-cirkostanzi tal-kaz in dizamina fejn, kif inghad, l-allegat vittma tar-reati baqghet ma talbitx lill-Qorti biex twaqqaf il-proceduri kontra l-imputat u lanqas dehret personalment biex tafferma d-dikjarazzjonijiet li saru ghan-nom taghha kif fuq imsemmija, il-Qorti ma tistax taghti effett ghal dak li qatt ma talbet, wisq anqas gie affermat personalment mill allegat vittma.

Ghaldaqstant, il-Qorti ma tqisx illi tista' tiddeciedi u tordna li l-proceduri kontra l-imputat jitwaqqfu.

Ikkunsidrat;

Kif diga` nghad, Annette Zammit, l-allegata vittma, ma xehditx f'dawn il-proceduri bil-gurament quddiem il-Qorti. Il-verzjoni taghha dwar l-incident in dizamina, jirrizulta biss mix-xhieda ta' WPS 224 Suzanne Mifsud u mix-xhieda ta' PC1075 Malcolm Cefai.

WPS 224 Suzanne Mifsud xehdet illi Annette Zammit irrapportat fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Mosta fil-31 ta' Lulju 2018 ghall-habta tas-1.30 p.m. fejn forniet certifikat mediku mahrug minn Dr. M. Baldacchino wara li giet ezaminata fic-Centru tas-Sahha tal-Mosta. Ix-xhud qalet li Annette Zammit kienet rapportat[5] illi zewgha kien ilu jabbuza minnha fizikament ghall-ahhar ghaxar snin, izda rifjutat l-offerta biex jinstabilha akkomodazzjoni alternattiva. Qaltilha wkoll illi **tliet ijiem qabel**, kien inqala' argument fil-ghaxija meta zewgha gie lura d-dar u kien qed jixrob l-alkohol fil-gnien flimkien ma' binhom u bdiet tibza' li kienu ser iwegghu jew jaqghu fil-pool. Iktar tard mal-lejl inqala' argument ma' zewgha fil-kamra tas-sodda fejn spiccaw jinsulentaw lil xulxin u zewgha beda jerfa' idejh fuqha. Annette Zammit qaltilha li

---

[4] Ukoll introdott bis-sahha tal-Att XX tal-2005.
[5] Ara NPS 9/T/2056/2018 – Dok. SM2, fol. 29 et seq.

ghalkemm ma tiftakarx fejn, tahseb li zewgha kien taha daqqa go rasha, fuq idha u fuq il-genb ta' zaqqha.

Ix-xhud ikkonfermat illi dak kollu li qaltilha Annette Zammit, hi nizzlitu fuq ir-rapport Dok. SM2 li minnu jirrizulta wkoll illi l-istess Annette Zammit forniet lill-Pulizija diversi messaggi ta' theddid u insulti li hija qalet kien baghatilha zewgha permezz ta' *iMessage* ghall-habta tat-3.30 a.m. Dawn il-messaggi gew esebiti mill-Ispettur Godwin Scerri li, waqt ix-xhieda tieghu[6], spjega illi huwa kien ircieva permezz ta' email mibghut mill-avukat ta' Annette Zammit, siltiet minn *chats* li kienu ntbaghtu lill-allegat vittma permezz ta' *messenger*[7]. Esebixxa wkoll ritratti bil-kulur[8] li wkoll ntbaghtu lilu mill-avukat ta' Annette Zammit li allegatament ittiehdu minn xi membru tal-familja taghha.

PC1075 Malcolm Cefai xehed illi huwa kien mar gewwa r-residenza ta' Annette Zammit fil-31 ta' Lulju 2018 ghall-hin tal-04:05h fuq rapport li kien sar dak il-hin dwar argument familjari li kien ghadu kif sehh, fejn l-istess Annette Zammit qaltlu li **dak il-lejl stess**, zewgha kien refa' idejh fuqha u li heddidha li ser joqtol lill-qattus. Ix-xhud qal ukoll li dak il-hin osserva li Annette Zammit kellha riha ta' xorb fuqha u lil zewgha ma kienx kellmu u ma kienx rah dakinhar.

Dr. Marilyn Baldacchino xehdet illi kienet ezaminat lil Annette Zammit fil-31 ta' Lulju 2018 fejn kienet iccertifikat[9] li kellha dawra hamra fuq in-naha tal-lemin tal-qurriegha tar-ras, girfa bil-qoxra madwar 0.5 cm fuq in-naha tal-lemin tal-qurriegha tar-ras, ugiegh fil-genb tal-kustilji naha tal-lemin, tbengil, ugiegh u nefha fil-polz tan-naha tal-lemin u tbengil fuq id-driegh tan-naha tal-lemin. Ittiehdu *x-rays* tal-polz u tal-kustilji tan-naha tal-lemin fl-istess gurnata, cioe` 31 ta' Lulju 2018, liema *x-rays* urew li kien hemm ksur tas-sitt kustilja. Dwar dan il-ksur, ix-xhud affermat li "*kien xi*

---

[6] 21 ta' Frar 2019.
[7] Dok. GS1 sa Dok. GS6.
[8] Dok. GS9 sa Dok. GS19.
[9] Dok. MD1, fol.

*haga li grat dakinhar*"[10] u minhabba f'hekk, in-natura tal-griehi gie certifikat minnha bhala gravi.

Il-Qorti tosserva illi ghalkemm mir-relazzjoni ta' Mr. Frederick Zammit Maempel jirrizulta li huwa ha l-verzjoni ta' Annette Zammit bil-gurament fis-6 ta' Mejju 2019, hija sejra tiskarta din il-parti mir-relazzjoni tieghu ghaliex hu ovvju mhux biss li l-espert qatt ma nghata l-fakolta` bhala parti mill-inkarigu tieghu li jisma' x-xhieda ta' Annette Zammit bil-gurament, izda wkoll li dan qatt ma seta' jsir minhabba d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 647 tal-Kap. 9 li jipprovdu li x-xhieda ghandhom jixhdu *viva voce* quddiem il-Qorti.

Ghandu jigi osservat ukoll, ghall-kompletezza, illi ghalkemm jidher illi kienu prezenti waqt l-argoment li sehh fil-31 ta' Lulju 2018[11] bejn il-genituri taghhom u ghalkemm kienu indikati bhala xhieda mill-Avukat Generali, Caden Zammit u Morgan Zammit ma xehdux quddiem il-Qorti f'din il-kawza stante illi esprimew ix-xewqa li ma jixhdux kontra l-genituri taghhom. Barra minn hekk, l-imputat la rrilaxxa stqarrija formali dwar dan l-incident u lanqas xehed f'dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat;

Illi dan kollu jfisser li ghall-fini tal-istharrig taghha dwar il-htija o meno tal-imputat ghall-akkuza li fil-31 ta' Lulju 2018 fil-hin indikat fic-Citazzjoni huwa kkaguna griehi fuq il-persuna ta' martu Annette Zammit, l-unici provi li ghandha quddiemha l-Qorti jikkonsistu biss:- (i) fix-xhieda ta' WPS 224 u PC1075 liema xhieda effettivament tikkonsisti f'xhieda fuq kliem haddiehor, ghaliex huma irrepetew biss dak li qaltilhom Annette Zammit minghajr din il-verzjoni giet ikkonfermata mix-xhieda diretta u *viva voce* tal-allegat vittma jew ta' xi xhud okulari tal-incident, (ii) fix-xhieda ta' Dr. Marilyn Baldacchino li ghalkemm ezaminat lil Annette Zammit fil-31 ta' Lulju 2018 u kkostatat il-lezjonijiet rapportati fix-xhieda taghha, fosthom ksur fil-kustilja li kien sar

[10] Gie kostatat ukoll li kien hemm xi ksur ukoll tal-polz tal-lemin, liema ksur izda kien antik.
[11] Ara rapport Dok. SM2.

dakinhar, ma giex rapportat lilha kif sehh dan il-ksur u (iii) fir-ritratti li jinsabu esebiti fl-atti bir-referenza Dok. GS9 sa Dok. GS19.

Kwantu ghall-fatt illi l-verzjoni tal-allegat vittma u tax-xhieda okulari ma gietx prodotta permezz ta' xhieda *viva voce* quddiem il-Qorti izda jirrizulta biss mir-rapport esebit fl-atti u jew mix-xhieda tal-ufficjali tal-Pulizija li kellmu lill-istess allegat vittma, il-Qorti tosserva li l-verzjoni tal-ufficjali tal-Pulizija dwar dak li rrapportat l-allegat vittma, meta dawn ix-xhieda ma kienux prezenti waqt l-incident innifsu, ma tistax tinghata piz ghall-fini tal-prova tal-kontenut ta' dak li gie rapportat u huwa effettivament, *hearsay evidence*.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi**[12] gie ritenut li:-

"*Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa* <u>*Subramaniam v. Public Prosecutor*</u> *fejn insibu dan ilkliem: 'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay.* ***It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement****. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.' Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma).* ***Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu****.*

[12] Deciza mill-Qorti Kriminali fl-24 ta' Ottubru, 2011 (Numru 33/2010).

…

*F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:''*

*'Fil-limiti tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il- Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).*" [emfasi tal-Qorti]

Dan stabbilit, il-Qorti tqis illi ghalkemm huwa ppruvat li effettivament, Annette Zammit irrapportat lill-Pulizija li kellha argumenti ma' zewgha u kien ukoll refa' idejh fuqha u sawwatha, ma ngabux provi bizzejjed fil-grad li tesigi l-ligi ghas-sejbien ta' htija fil-kamp kriminali, dwar dak li effettivament u attwalment gara waqt dawn l-incidenti. B'mod partikolari ma tressqitx prova sodisfacjenti illi l-offizi subiti minn Annette Zammit – kif jirrizulta stabbilit mill-provi – gew tassew ikkagunati minn zewgha u lanqas jirrizulta b'mod konklussiv **meta** dawn il-griehi gew effettivament ikkagunati.

Kwantu mbaghad ghar-ritratti fuq imsemmija, il-Qorti tosserva li l-griehi fil-wicc tal-persuna li tidher fihom ma jikkombaccjawx mal-lezjonijiet deskritti fix-xhieda ta' Dr Malrilyn Baldacchino u fic-certifikat minnha mahrug wara li ezaminat lil Annette Zammit (Dok. MD1). Dan qed jinghad ghaliex filwaqt li fir-ritratti jidher biss *black eye* u grif fuq il-mohh[13], dawn il-feriti m'humiex fost dawk deskritti fix-xhieda u fic-certifikat mahrug mill-imsemmija tabiba. **Maghdud dan il-fatt illi ma jirrizultax**

[13] Hemm zewg ritratti ta' demm fuq xi lozor – Dok. GS10 u GS11

**mill-provi f'liema data ttiehdu dawn ir-ritratti u min effettivament hadhom**. Il-Qorti tqis illi fin-nuqqas tax-xhieda tal-persuna li hadet ir-ritratti u jew tal-persuna li tidher fir-ritratti u konsegwentement, in mankanza tal-prova tad-data meta ttiehdu u tal-fatt li l-griehi li jidhru gew subiti fl-incident li allegatament sehh fil-31 ta' Lulju 2018 - liema prova tassumi iktar relevanza fl-isfond tal-allegazzjoni li Annette Zammit kienet ilha diversi snin tigi abbuzata fizikament u psikologikament minn zewgha – hija ma tistax taghti wisq piz probatorju lil dawn ir-ritratti esebiti fl-atti.

F'dan l-istadju il-Qorti ma tistax ma tiddeplorax l-agir tal-avukat tal-allegat vittma, Annette Zammit, meta waqt it-trattazzjoni finali u b'referenza ghar-ritratti li gew esebiti mill-Ispettur Godwin Zammit waqt ix-xhieda tieghu - liema ritratti huwa xehed li gew trasmessi lilu proprju mill-istess avukat tal-allegat vittma - sottomettiet illi r-ritratti in kwisjtoni ma jurux il-griehi li gew soffeti minn Annette Zammit fl-incident mertu tal-kawza u m'ghandhomx x'jaqmsu ma' dan l-incident.

Izda fuq kollox, il-Qorti hija rinfaccata wkoll b'kunflitt evidenti fil-provi bejn id-data indikata fic-Citazzjoni u d-data tal-incident li fih, skont dak rapportat mill-allegat vittma, gew effettivament ikkagunati dawn il-griehi. Filwaqt li fil-31 ta' Lulju 2018 Annette Zammit irrapportat lil PS 224 Suzanne Mifsud li kellha argument ma' zewgha **tliet ijiem qabel**, filghaxija, fejn allegatament beda jerfa' idejh fuqha u taha daqqiet fuq rasha, idha u l-genb ta' zaqqha, fic-Citazzjoni l-imputat gie mixli li huwa kkaguna lil martu hsara f'gisimha fil-31 ta' Lulju 2018. Imbaghad, mix-xhieda ta' PC 1075 Malcolm Cefai jirrizulta li meta huwa mar fir-residenza ta' Annette Zammit fil-31 ta' Lulju 2019 fuq rapport li kien sar dakinhar stess ghall-habta tal-4.05 a.m., hija qaltlu li zewgha kien refa' idejh fuqha.

Gie diversi drabi ritenut, fosthom mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs omissis u Francesco sive Godwin Scerri** deciza fit-18 ta' April 2012, illi jekk tul il-kumpilazzjoni jkunu jirrizultaw partikolaritajiet ta' fatti, lok jew zmien li jvarjaw sostanzjalment ma' dak indikat fl-imputazzjonijiet, il-Prosekuzzjoni tista' titlob korrezzjoni fic-Citazzjoni u fil-fatti tal-akkuza jew il-partikolaritajiet li skont l-

Artikolu 360(2) tal-Kap. 9, jehtieg li jigu indikati espressament fic-Citazzjoni. Izda fil-kaz odjern, **l-akkuza hija msejsa esklussivament fuq incident li qed jigi addebitat li sehh fil-31 ta' Lulju 2018 fit-3.30 a.m. u mhux ukoll fuq dak li seta' sehh fil-granet ta' qabel**. Minkejja dan izda, ma ntalbet ebda korrezzjoni mill-Prosekuzzjoni biex il-partikolarita` tad-data tal-incident indikata fl-imputazzjoni in dizamina, tigi tirrifletti dak li jirrizulta mill-provi.

Izda f'kull kaz, il-Qorti tqis li minhabba din l-inkonsistenza bejn ir-rizultanzi tal-provi u l-akkuza kif imfassla kwantu ghal dak li jikkoncerna d-data tal-incident fejn allegatament gew ikkagunati l-offizi fuq il-persuna ta' Annette Zammit, l-imputat qatt ma jista' jigi misjub hati li ikkommetta r-reat lilu addebitat fl-ewwel imputazzjoni. Konsegwentement, m'hemm ebda htiega lanqas li jigi mistharreg jekk l-offizi subiti minn Annette Zammit humiex ta' natura gravi jew hafifa.

Ikkunsidrat;

Kwantu ghat-tieni imputazzjoni dwar ir-reat kontravvenzjonali taht l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9, il-Qorti tqis illi ma jirrizultax mix-xhieda u l-provi f'hiex jikkonsistu l-insulti, theddid u ingurja li l-imputat allegatament indirizza fil-konfront ta' martu. Huwa minnu li mix-xhieda jirrizulta li l-allegat vittma kienet irrapportat li l-imputat hedded li kien ser joqtol lill-qattus, izda filwaqt li l-Qorti tosserva li dan jirrizulta biss mix-xhieda ta' PC 1075 Malcolm Cefai bhala kliem li ntqal lilu minn Annette Zammit, tqis ukoll li dan il-kliem la jikkostitwixxi theddid u wisq inqas ingurja jew insult fil-konfront tal-istess Annette Zammit.

Imbaghad, kwantu ghall-messaggi stampati esebiti fl-atti, li fihom jidher kliem li huwa evidentement ingurjuz u ta' theddid, il-Qorti tosserva li ghalkemm jidher li dawn il-messaggi ntbaghtu fuq *iMessenger* fit-03.03h, ma jirrizultax u ma giex ippruvat sodisfacjentement f'liema data dawn intbatghu, l-identita` ta' min baghat il-messaggi jew l-identita` ta' min ircevihom. Kemm hu hekk, mix-xhieda tal-Ispettur

Godwin Scerri, jirrizulta biss illi dawn kienu ntbaghtu lilu mill-avukat ta' Annette Zammit izda f'data li ma gietx specifikata u minghajr ebda taghrif iehor.

Ghaldaqstant, fin-nuqqas ta' provi diretti u fin-nuqqas ukoll ta' provi cirkostanzjali univoci, mhux ambigwi u li jorbotu lill-imputat b'mod inekwivoku mar-reat, il-Qorti ma tistax tkun moralment konvinta li l-imputat ikkommetta r-reat lilu addebitat fit-tieni imputazzjoni u ghalhekk ma ghandhiex ghazla hlief li tillibera lill-imputat ukoll minn din l-imputazzjoni.

**Ghal dawn il-motivi, ma ssibx lil COLIN ZAMMIT hati ta' ebda wahda mill-imputazzjonijiet lilu addebitati fic-Citazzjoni u konsegwentement, tilliberah minn kull htija u piena.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**